# REGOLAMENTI TAL-WIRJA (Malti)

1 Din il-Wirja hija miftuħa għad-dilettanti kollha tal-Gloster, sew jekk int membru ta' xi klabb jew le int tista tieħu sehem.

2 Il-wirja hija miftuħa ukoll għal dilettanti tal-Gloster internazzjonali (dilettanti minn pajjiżi oħra).

3 Ma hemmx bżonn l-ebda menswalita' biex dilettant jieħu sehem.

4 Kull esebitur li jimla l-formola tar-reġistrazzjoni jiġi infurmat li ġie aċċettat sabiex jesebixxi, jew b'sms, Facebook jew sempliċiment b' telefonata.

5 Jekk l-organizzaturi jidrilhom li xi dilettant għal xi raġuni jew oħra m'għandux jitħalla jipparteċipa, l-applikazzjoni ta' l-imsemmi dilettant tista tiġi irrifjutata minnu fih u mingħajr l-ebda raġuni b'sms, Facebook messenger jew b'telefonata .

6 Jiġu aċċettati biss gaġeġ 'standard' ħodor minn ġewwa u suwed gloss minn barra.
Gaġeġ mingħajr Kidney Shaped Hole ma jiġux aċċettati (It-toqba li hemm fuq is-saqaf tal-gaġġa).
Il-qiegħ u l-kexxun tal-gaġeġ iridu jkunu miksija bi żrieragħ imħallta.
Jekk xi ħadd ikun irid ipoġġi xi kartuna fil-qiegħ tal gaġġa huwa possibli, iżda ll-qiegħ u l-kexxun xort iridu jkunu miksija bi żrieragħ imħallta. Il-gaġeġ għandom ikunu mgħammra b'anella fil-bieba u ħolqa fil-ġenb tal-gaġġa. Dawn jiġu ssiġillati b'cable tie irqieqa li tiġi pprovduta mill-organizzatur waqt il-ġbir tal-labels. Gaġeġ li ma jissakkrux m'humiex aċċettati.

7 Kull esebit jista jkollu ċurkett ta' kull klabb li jeżisti tal-għasafar, sew lokali jew internazzjonali. Glosters b'split ring u anki mingħajr ċurkett jiġu aċċettati. Din hija wirja miftuħa mmirata fuq il-kwalita' u l-għamla ta' l-għasfur.

8 Il-wirja tikkonsisti f's-seba u għoxrin klassi li huma meħuda minn standard ingliż mingħajr l-ebda eċċezzjoni.

9 Il-ħlas ta' kull esebitur huwa ta' €10 reġistrazzjoni u €1.25 għal kull għasfur.

10 Mhux aċċettat iktar minn esebitur wieħed fuq formola waħda tar-reġistrazzjoni.

11 Il-ħlas tar-reġistrazzjoni jsir waqt il-ġbir tal-labels u l- 'cable ties'.

12 Il-Kumitat għandu d-dritt jirrifjuta esebit waqt l-entratura tal-għasafar jekk jidrilhom li l-gaġġa mhix preżentabli jew l-għasfur mhux fi stat li jiġi esebit minħabba nuqqas saħħa jew iġene.

13 L-esebiti jingħataw l-ilma waqt li jkunu qed jiddaħħlu fis-sala. Għandhom jintużaw D-cups tal-plastic suwed bil-ganġijiet tal-wire (standard). Kull tip ta reċipjent ta' l-ilma ieħor mhux aċċettabli fl-ebda' ħin mid-dħul tal-agħsafar fis-sala sa l-għeluq tal-wirja. Jekk ikun hemm xi dubju li għasfur mhux qed jixrob, id-D-cup tiddaħħal fuq in-naħħa ta ġewwa wara li jsir il-'judging'

14 Ebda esebit ma jista' jitneħħa mill-wirja jekk mhux għal raġuni valida, wara konsultazzjoni ma' l-organizzaturi.

15 Għall-ebda raġuni ma jitħallew għasafar jidħlu fis-sala jekk mhux għall-wiri.

16 Ħadd ma jista' jpejjep f' l-ebda parti tas-sala tal-wirja.

17 Waqt il-'judging', Kulħadd huwa mistieden jattendi dement li jinżamm silenzju sħiħ.

18 Id-deċiżjoni tal-'Judge' hija finali.

19 Matul il-ġranet tal-wirja r-responsabbilta' ta' kull esebit hija ta' l-esebitur.
l-organizzaturi huma eżentati minn kull responsabbilta'.

20 Għall-ebda raġuni ma' jitħallew għasafar jinġabru qabel tagħlaq il-wirja.

21 l-organizzaturi għandhom d-dritt li jieħdu deċiżjoni f'kull kwistjoni li tista tinqala' li mhix elenkata f'dawn il-kundizzjonijiet. Id-deċiżjoni tal-Kumitat hija finali.